28 ta' Novembru 2013
130/2013

**MONS. ALFRED XUEREB MAĦTUR DELEGAT TAL-PAPA F'ŻEWĠ KUMMISSJONIJIET**

Il-Papa Franġisku ħatar lil Monsinjur Alfred Xuereb bħala Delegat tal-Kummissjoni dwar l-Istitut għax-Xogħlijiet ta' Reliġjon, magħrufa aħjar bħala l-Bank tal-Vatikan (I.O.R.), u bħala Delegat tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tas-Santa Sede. Fil-preżent, Monsinjur Xuereb huwa Segretarju Privat tal-Papa Franġisku.

Il-ħidma li ġiet fdata lilu mill-Papa titlob li, f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat tal-Istat, huwa jsegwi b'reqqa u jinforma lill-Papa direttament dwar il-ħidma ta' dawn iż-żewġ kummissjonijiet f'dak li jikkonċerna l-proċedura ta' xogħol u inizjattivi li jistgħu jittieħdu mill-istess kummissjonijiet.

Iż-żewġ kummissjonijiet twaqqfu mill-Papa Franġisku biex iwettqu riformi fil-ħidma tal-Bank tal-Vatikan u fl-istruttura ekonomika u amministrattiva tas-Santa Sede.

Il-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tas-Santa Sede hija immexxija mill-ekonomista Malti, is-Sur Joe FX Zahra.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org